# It-Tibdil fil-Klima - Hemm Soluzzjonijiet?




Il-Parlament Nazzjonali taż-Żgħażagħ 2017

<u>Lista ta’ Kontenut</u>


- Introduzzjoni
- It-tisħin globali
- Proposti b’rabta mal-Ilma, Agrikultura u Biodiversita`
- Proposti fuq kif nistgħu ntejjbu l-infrastruttura tat-toroq.
- Proposti fuq is-Saħħa
- Proposti fuq l-Enerġija

# Introduzzjoni

## Il-kawżi tat-tibdil fil-klima

Il-bniedem qiegħed aktar ma jgħaddi ż-żmien jinfluwenza l-klima u t-temperatura tal-art.Dan qed isir permezz taż-żieda ta' ammonti enormi ta' gassijiet serra li ma' dawk li jinsabu b'mod naturali fl-atmosfera jżidu l-effett serra u s-sħana globali.

### Il-gassijiet b'effett serra

Xi gassijiet fl-atmosfera tad-dinja jaġixxu xi ftit jew wisq bħall-ħġieġ f'serra, jaqbdu s-sħana tax-xemx u jwaqqfuha milli tinfiltra lura fl-ispazju.
Ħafna minn dawn il-gassijiet iseħħu b'mod naturali, iżda l-attività tal-bniedem qiegħda żżid il-konċentrazzjoni ta' xi wħud minnhom fl-atmosfera, b'mod partikulari -

- id-diossidu tal-karbonju (CO2)
- il-metan
- l-ossidu nitruż
- il-gassijiet fluworinati




*The Keeling Curve, showing CO2 concentrations increasing to near 400 ppm in 2013. Credit: NOAA.*

Is-$CO_2$ hu l-gass b'effett serra li hu l-aktar prodott mill-attivitajiet tal-bniedem u hu responsabbli għal 63% tas-sħana globali kkawżata mill-bniedem. Il-konċentrazzjoni tiegħu fl-atmosfera bħalissa hi 40% ogħla milli kienet meta bdiet l-industrijalizzazzjoni.

Gassijiet b'effett serra oħrajn joħorġu fi kwantitajiet anqas, iżda huma jaqbdu s-sħana b'mod bil-wisq aktar effettiv mis-CO2, u f'ċerti każijiet huma eluf ta' drabi aktar b'saħħithom. Il-metan hu responsabbli għal 19% tat-tisħin globali tal-bniedem, l-ossidu nitruż għal 6%.

Il-kawżi għal żieda fl-emissjonijiet:

- Il-ħruq tal-faħam, iż-żejt u l-gass jipproduċu d-diossidu tal-karbonju u l-ossidu nitruż.
- Il-qtugħ tas-siġar mill-foresti (deforestazzjoni). Is-siġar jgħinu jirregolaw il-klima billi jassorbixxu s-CO2 mill-atmosfera. Għalhekk meta jinqatgħu, dan l-effett benefiċjarju jintilef u l-karbonju maħżun fis-siġar jinħall ġol-atmosfera, u jżid l-effett serra.
- Iż-żieda tat-trobbija tal-bhejjem. Il-baqar u n-nagħaġ jipproduċu ammonti kbar ta' metanu meta dawn jiddiġerixxu l-ikel.
- Il-fertilizzanti li fihom in-nitroġenu jipproduċu emissjonijiet tal-ossidu nitruż.
- Il-gassijiet fluworinati jipproduċu tassew effett qawwi tas-sħana, sa 23 000 darba aktar mis-CO2. Fortunatament, dawn jiġu rilaxxati fi kwantitajiet iżgħar u qed jitneħħew ftit ftit permezz ta' regolament tal-Unjoni Ewropea.

## It-tisħin globali

It-temperatura medja attwali hi ta' 0.85ºC ogħla milli kienet fl-aħħar tas-seklu 19. Kull wieħed minn dawn l-aħħar tliet deċennji kien aktar sħun minn kull deċennju preċedenti minn meta bdew jinżammu r-rekords fl-1850. Ix-xjentisti ewlenin tal-klima jaħsbu li l-attivitajiet tal-bniedem huma kważi ċertament il-kawża ewlenija tas-sħana osservata min-nofs is-seklu 20 'l hawn.

Żieda ta' 2°C imqabbla mat-temperatura fiż-żminijiet pre-industrijali titqies mix-xjenzati bħala l-limitu li lil hinn minnu hemm riskju ogħla ħafna li tibdiliet perikolużi u possibilment katastrofiċi se jseħħu fl-ambjent globali. Għal din ir-raġuni l-komunità internazzjonali rrikonoxxiet il-bżonn li t-tisħin globali jinżamm taħt iż-2°C.



# Proposti b’rabta mal-Ilma,l-Agrikultura u l-Biodiversita`

1. Hekk kif kien irrekomandat mill-Malta Water Association, nħeġġu li n-“National Water Plan” jigi fformulat.

Huwa importanti li Malta jkollha pjan nazzjonali tal-ilma. Minħabba l-fatt li Malta tinsab fuq il-lista tal-10 pajjiżi l-aktar foqra f'termini ta' riżorsi tal-ilma għal kull abitant Bħalissa għandna riservi tal-ilma li kapaci jżommu sa jumejn iżda i f'pajjizi oħra wrew li dan jista’ ma jkunx biżżejjed. Għalhekk nħeġġu li l-pjan għal ilma jingħata aktar prijorità.

http://maltawaterassociation.org/index.php/portfolio-item/will-maltas-water-plan-see-the-light-of-day/

https://www.timesofmalta.com/articles/view/20160313/environment/Praying-for-a-water-management-plan.605531

http://www.independent.com.mt/articles/2014-02-05/news/malta-needs-national-water-management-plan-3882582016/

2. Regolarizazzjoni tal-Boreholes

Li jiżdiedu l-pieni għall-bdiewa/operaturi tal-bowser li jinqabdu jippumpjaw l-ilma mingħajr permess jew iktar mill-ammont stipulat għaliex l-ilma ta’ taħt l-art huwa dominju pubbliku.

“Higher temperatures and water scarcity are starting to present a challenge to agriculture even in countries far to the north. Farmers must resort to technology to cope with more arid conditions.”

(TOM 16th July 2017 As water scarcity bites, farmers learn how to avoid a drier future)

“Although it was not accounted for in the NSO data, he said the authorities estimated theft at anywhere between a fifth and a quarter of total production.”

(TOM 16th August 2017 Leaky pipes would fill 1,600 pools each year.

Theft could be as high as a quarter of total production)

3. Sistema ta’ data tal-boreholes

Ikollna data biex naraw is-sitwazzjoni tal-boreholes preżenti għaliex ma jeżistix rendikont ta’ kemm qed jittella’ ilma b’mod privat.

(TOM 16th July 2017 As water scarcity bites, farmers learn how to avoid a drier future)

http://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/?uri=CELEX%3A32006L0118 – Data tal-EU tal-2015.

## 4. Investiment f'sistema aktar effiċjenti u effettiva għall-ħarsien kontra l-abbuż tal-ambjent fl-agrikultura.

Fl-2016, sar Memorandum of Understanding bejn il-Malta Laboratories Network u l-WSC, biex isiru testijiet u analiżi fuq l-ikel u prodotti tal-biedja.Iżda sfortunatament, sa dis-sena, jista' jiġi nnotat li dis-sistema ma kinitx qed tipprovdi s-sigurtà adekwata għas-saħħa tal-poplu. Wieħed jista' jgħid ċar u tond, li Malta m'għandiex l-infrastruttura li hemm bżonn biex nipproteġu kemm il-konsumatur, iżda wkoll, iċ-ċiklu tal-ilma. Tal-aħħar huwa ċar u tond ħabba l-fatt li dal-pestiċidi qegħdin jispiċċaw biex jikkontaminaw l-akwiferi li għandna fil-blat tagħna. Huwa importanti li kemm jista' jkun nipproteġu r-riżors tal-ilma minħabba li t-tibdil tal-klima jista' jixħetna f'sitwazzjoni ta' nixfa kbira. Għalhekk, nemmnu li għandu jsir investiment biex jinbena laboratorju speċifiku biex janalizza kemm ħamrija u anke prodotti mill-għelieqi Maltin. B'hekk, is-sistema ta' nfurzar tal-liġijiet kontra l-pestiċidi tkun ħafna aktar effiċjenti, u fl-istess ħin, l-awtoritajiet ikollhom kull kunfidenza, li jekk jerġgħu jagħmlu liġijiet aktar stretti anti-pestiċidi, ikollhom il-modijiet ta' kif żgur jinfurzawhom.

https://www.timesofmalta.com/mobile/articles/view/20170628/local/pesticides-laboratory-tests- taking-too- long.651818

https://www.timesofmalta.com/mobile/articles/view/20160519/local/malta-gets- its-first-ever-pesticide- testing-lab.612593

## 5. Proġett Horizon 2020

Il-proġett Horizon 2020, proġett bil-fondi tal-EU li jħares li jżied l-informazzjoni dwar il-ħarsien tal-ilma organizzat mill-MCAST Water Research, daqt jasal fi tmiemu għaldaqstant filwaqt li wieħed irid jara kemm ħareġ ġid minnu ninvestu fi proġett ieħor biex it-tagħlim ma' jaqta' qatt.

6. Protezzjoni tal-Ekosistemi

L-ekosistemi tagħna diġa jinsabu vulnerabbli minħabba l-pollution u t-tibdil tal-klima għaldaqstant aktar irridu nagħfsu fuq l-importanza li jinżammu fi stat tajjeb fejn l-ispeċi ndiġeni jitħallew jgħix mingħajr xkiel. Bħala mezz ta' protezzjoni għandna nassiguraw li ma jkunx rimi ta' skart tal-bini fl-għelieqi tagħna. Għandhom jitwaħħlu kameras tas-siġurta` u jinħolqu postijiet fejn dan l-iskart jista' jinxteħet.

7.Produzzjoni bi ħsieb

L-bdiewa m'għandhomx jipproduċu għas-sempliċi raġuni li qegħdin jirċievu l-fondi mill-Unjoni Ewropea iżda għax verament hemm domanda għal prodott partikolari fis-suq. Għandna nassiguraw li l-fondi mhux qed iwasslu għal aktar skart.

7.1 Kompost mill-iskart tal-ħxejjex

Il-ħaxix li jkun ħa jintrema' ġewwa l-pitkalija għandu jinġabar b'mod apparti biex minnu jinħoloq il-kompost. L-istess kompost jista' ibda jitqassam lil bdiewa.

1. Aġġornament tar-Regularizazzjoni tat-Tniġġis tal-Arja, tal-baħar u tal-ispeċi marittimi.

Skont il-sit onlajn tal-ERA dawn ir-regularizazzjonijiet ġew aġġornati l-aħħar fl-2007 għaldaqstant mhux reali għar-realtajiet tal-llum.

http://www.justiceservices.gov.mt/DownloadDocument.aspx?app=lom&itemid=11498&l=1

2. Sajd sostenibbli

Għandu jkun hemm aktar gwardjani fuq il-baħar li jgħassu s-sajjieda biex ma jintużawx xbiek tat-tkaxkir illi jeqirdu n-natura ta' taħt il-baħar. Dan fid-dawl tal-fatt illi ħafna speċi diġa` qed jonqsu minħabba speċi oħra li qed jabitaw fil-baħar tagħna minħabba l-fatt li dan sar aktar sħun.

## 10. Sussidji għall-modijiet naturali ta' prevenzjoni kontra pesti fl-agrikultura.

Minħabba t-tibdil tal-klima, in-natura ta' madwarna qed tinbidel ukoll. Peress li s-sħana qiegħda titqawwa, l-annimali qegħdin jiġu affettwati bħalma kif ukoll qed jaffettwa lilna. Ċertu immigrazzjoni jew invażjoni qiegħda ssir minn annimali li jkunu qed jibdlu l-abitat tagħhom skont x'inhu komdu għalihom. Sfortunatament, xi wħud fost dawn l-annimali u insetti joħolqu problemi għall-biedja u l-agrikultura tagħna. Għalhekk, irridu nkunu preparati, ħalli mhux biss nużaw il-prevenzjoni imma wkoll l-addattazzjoni. Nemmnu, li għandhom jingħataw sussidji biex il-bdiewa jkunu nkorraġġuti biex jibqgħu jużaw sistemi sostenibbli ta' prevenzjoni kontra dawn il-pesti l-ġodda, u li mhux jaqgħu li jew ikomplu jużaw pestiċidi li joħolqu problemi lis-saħħa ta' annimali li huma ta' ġid lill-ambjent tal-agrikultura jew lis-saħħa tal-bnedmin, u biex kif ukoll nipproteġu kemm jista' jkun iċ-ċiklu tal-ilma.

https://www.timesofmalta.com/articles/view/20150408/environment/the-economic-cost-of-climate-change.563292

## 11. Investiment f'sistema aktar effiċjenti u effettiva għall-ħarsien kontra l-abbuż tal-ambjent fl-agrikultura.

Fl-2016, sar Memorandum of Understanding bejn il-Malta Laboratories Network ul-WSC, biex isiru testijiet u analiżi fuq l-ikel u prodotti tal-biedja. Iżda sfortunatament, sa dis-sena, jista' jiġi nnotat li dis-sistema ma kinitx qed tipprovdi s-sigurtà adekwata għas-saħħa tal-poplu. Wieħed jista' jgħid ċar u tond, li Malta m'għandiex l-infrastruttura li hemm bżonn biex nipproteġu kemm il-konsumatur, iżda wkoll, iċ-ċiklu tal-ilma. Tal-aħħar huwa ċar u tond ħabba l-fatt li dal-pestiċidi qegħdin jispiċċaw biex jikkontaminaw l-"aquifers" li għandna fil-blat tagħna. Huwa importanti li kemm jista' jkun nipproteġu r-riżors tal-ilma minħabba li t-tibdil tal-klima jista' jitfgħana f'sitwazzjoni ta' nixfa kbira. Għalhekk, nemmnu li għandu jsir investiment biex jinbena Laboratorju speċifiku biex janalizza kemm ħamrija u anke prodotti mill-għelieqi Maltin. B'hekk, is-sistema ta' nfurzar tal-liġijiet kontra l-pestiċidi tkun ħafna aktar effiċjenti, u fl-istess ħin, l-awtoritajiet ikollhom kull kunfidenza, li jekk jerġgħu jistrettaw il-liġijiet anti-pestiċidi, ikollhom il-modijiet ta' kif żgur jinfurzawhom.

https://www.timesofmalta.com/mobile/articles/view/20170628/local/pesticides-laboratory-tests-taking-too-long.651818

https://www.timesofmalta.com/mobile/articles/view/20160519/local/malta-gets-its-first-ever-pesticide-testing-lab.612593

## 12. L irfinar u l-użu tal-ilma tad-dranaġġ

Taħt dan il-gvern, diġa` infethu 3 "Polishing Plants", fejn l-ilma tad-dranaġġ jiġi trattat sal-punt fejn kwazi jkun tajjeb għax-xorb. Aħna nemmnu li dan il-proġett missu jitkabbar, sabiex inqas ilma jintrema fil-bahar meta faċilment jista' jiġi proċessat u jerġa jintuża. Qegħdin ukoll nipproponu li l-ilma pproċessat jingħata b'xejn jew jinbgħih bi prezz baxx lill-bdiewa għat-tisqija tal-prodotti tagħhom, b'mod li tigi ferm iżjed irħas milli jħaffru boreholes, u b'hekk tkun qed tingħatalhom għajnuna sabiex ma jibqawx jħaffru għal-ilma.

http://www.wsc.com.mt/Corporate-News/WSC_inaugurates_first_polishing_plant

http://www.wsc.com.mt/Current-Projects

## 13. Linji gwida għal konservazzjoni

1. Linji ta' gwida għandhom jiġu addottati u implimentati, li jipprovdu informazzjoni fuq l-aħjar soluzzjonijiet għall-immaniġġjar ta' abitati differenti bħal dawk terrestri u anke dawk akwatiċi, dejjem b'ħarsa lejn ir-regoli determinati fl-"MEAs" ma' pajjiżi oħra.

2 It-"2002 Guidelines on Trees, Shrubs and Plants for Planting and Landscaping in the Maltese Islands" għandhom jiġu emendati biex jinkludu gwida fuq l-addattar tal-ippjantar skont l-abitat speċifiku, u biex jiġu stabbiliti standards għola fuq il-bażi tal-esperjenza meħudha minn mindu ġew pubblikati.

2. Oġġettivi u pjanijiet tal-immaniġġjar tal-konservazzjoni għandhom jiġu mplimentati b' limitu ta' żmien għas-siti tan-Natura 2000, li flimkien ta' għajnuna minn strumenti tal-ppjanar ikunu jistgħu joħolqu ekosistema integrata.

## 14. Speċi Invażivi

14.1 Sistema nazzjonali għandha tiġi mplimentatha biex tħares il-postijiet tad-dħul prinċipali għal ġo pajjiżna, sabiex jitwaqqfu milli jidħlu l-ispeċi invażivi f'pajjiżna. Għandhom ukoll jiġu miktubin pjanijiet ta' kontinġenza sabiex jekk ikun hemm każijiet ta' introduzzjonijiet ta' speċi bħal dawn, jiġu mplimentati u jitnaqqas l-impatt negattiv ambjentali.

14.2 Speċi endemiċi u siti ta' konservazzjoni li huma affettwati ħafna minħabba speċi invażivi għandhom jiġu identifikati u jingħatu prijorità għal operazzjonijiet pjanati u ekoloġikament siguri biex jitneħħew dawn l-influwenzi ħżiena, u terġa titrawwem ekosistema pajżanNemmnu, li għandha titlesta n-"National Biodiversity Database" billi tinkorpora ġabriet ta' informazzjoni li jiġu organizzati. Hekk, ikun jista' jiġi offrut aċċess għal informazzjoni bioloġika fuq speċi u abitati, ul-liġijiet implimentati biex jipproteġuhom.

## 15.Ħarsien tal-Biodiversita`

15.1 Bl-edukazzjoni, il-biodiversità ta' Malta ul-protezzjoni tagħha għandhom jiġu trażmessi u deskritti lill-poplu Malti bħala polza tas-sigurtà, sabiex jieħdu sehem fi stili ta' ħajja effiċjenti u f'attivitajiet ta' konservazzjoni li jiġu mmexxija minn għaqdiet volontarji. Dawn l-għaqdiet għandhom ikunu mħeġġin biex jispiraw l-pubbliku biex jgħin fil-konservazzjoni tal-biodiversità kemm man-nazzjon kollha u anke fil-lokalità.

15.2 Il-biodiversita` urbana fl-irħula u l-ibliet tista' tiġi ssalvagwardjata permezz ta' inizjattivi kommunitarji bħal pereżempju l-ħolqien ta' soqof mimlija xtieli li huma magħrufa bħala green roofs, spazji miftuħa mżewwqa bil-pjnati u inċentivi oħra fosthom kompetizzjonijiet tal-aqwa ġnien u l-aqwa spazji miftuħa f'żoni urbani li jilqgħu fihom speċi indeġini.

15.3 Irid isir aktar sforz biex nassiguraw li ż-żoni protetti huma verament protetti u wieħed jirikonoxxi li hemm bżonn li tiżdied aktar art f'dan il-qasam ta' protezzjoni. Fid-dawl ta' dan kollu, l-ewwel pass huwa li naraw liema żoni jaqgħu taħt id-dominju pubbliku. Wieħed ta' min jirreferi għal proposta tal-Partit Demokratiku illi qiegħed jissuġerixxi li sebgħin wied jaqgħu taħt id-dominju pubbliku.

15.4 Li jingħaġġel il-proċess ta' pjan nazzjonali tal-ispeċi nvażivi biex jitlesta sal-2020. Dan irid jinkludi l-prevenzjoni, il-proċess li bih wieħed jirealizza li dawn l-ispeċi daħlu f'pajjiżna, l-eradikazzjoni u l-kontroll, dejjem jekk dawn ikunu possibbli. Jeħtieġ li jinħareġ dokument informattiv biex kollox isir b'mod sew u ma jiġux affettwati kemm jista' jkun l-ispeċi endemiċi.

## Proposti fuq kif nistgħu ntejjbu l-infrastruttura tat-toroq.

### 16 L-introduzzjoni ta' "Solar Canopies" għall-parkeġġi.

Malta illum, qiegħdha ssib ruħha f' sitwazzjoni fejn sal-2010, kien hemm medja ta' 579 karozza għal kull elf Malti. Naturalment, dan ifisser li l-kostruzzjoni ta' parkeġġi kemm pubbliċi u kif ukoll privati żdied b' rata kbira. Huwa d-dmir tal-gvern li kull sitwazzjoni li pajjiżna jiffaċċja tiġi megħluba bl-aktar mod effiċjenti, bħal ma jgħid il-Malti, kull deni ħudu b'ġid. Għalhekk, qegħdin nipproponu, li kull parkeġġ bla saqaf, kemm pubbliku u kif ukoll privat, għandu jkollu ċertu ammont ta' postijiet ta' parkeġġ li jkunu mgħottijin b' sistema ta' "Solar Canopies", biex kemm waqt li dal-parkeġġi jgħinu biex tittaffa l-problema ta' nuqqas ta' postijiet għall-karozzi, fl-istess ħin jgħin billi jipproduċi enerġija nadifa. L-ammont minimu ta' parkeġġi għandu jiġi determinat f'kull sitwazzjoni flimkien mal-Awtorita` tal-Ippjanar u mal-Awtorita` għar-Riżorsi u l-Ambjent sabiex dan ma joħloqx problemi ambjentali oħrajn.

- http://www.maltatoday.com.mt/news/national/44289/maltas_car_population_hits_worrying_record#.WaAxcSgjFPY
- http://news.energysage.com/solar-canopy-installations-bring-shade-clean-energy-parking-lot/

### 17 L-integrazzjoni ta' "Smart Trees" f' "Road Barriers" f' ċertu toroq arterjali.

It-toroq Maltin li saru dan l-aħħar saru maħnuqin minn ammont kbir ta' karozzi. Dan wassal biex ġab li l-emissjonijiet tal-karozzi saru wieħed mill-akbar kontributuri tal-effett serra f'pajjiżna. Dawn l-emissjonijiet, speċjalment mit-toroq arterjali, ukoll waslu biex naqqsu l-kwalità tal-arja f' ċerti żoni residenzjali. Il-proposta tagħna hi mmirata biex tgħin lil nies li jgħixu f'sitwazzjonijiet bħal dawn. Nemmnu li ċertu toroq għandhom ikollhom mibni magħhom sistema' ta' "road barriers" iżda li wkoll jiġu integrati sistemi ta' "smart trees". Prototipa ta' din it-tip ta' teknoloġija kienet maħluqa mill-kumpanija Ġermaniża "Green City Solutions". Dawn l-"ismart trees" joffru benefiċċji ħafna akbar mis-siġar normali biex ipattu għall-prezz tagħhom. B'hekk, ir-residenti li jgħixu viċin it-toroq li jiġu skjedati biex jingħatalhom dil-infrastruttura, ikunu

jistgħu jgawdu ħajja b’arja aktar nadifa u kif ukoll ambjent anqas storbjuż grazzi għar-“road barriers”. Eżempji ta’ dat-toroq fejn jistgħu jiġu implementati biex jgħinu lir-residenti huma Triq il-Kunsill tal-Ewropa f’Ħal-Luqa u Triq Dun Karm f’Birkirkara, magħruf bħala l-“Bypass”.

https://www.weforum.org/agenda/2017/08/this-smart-tree-has-the-environmental-benefits-of-a-small-forest/

## 18 Trasport tal-massa provdut minn kumpaniji kbar u entitajiet pubbliċi

Il-problemi marbuta ma’ konġestjoni ta’ traffiku jolqtu diversi aspetti ta’ ħajjitna; joħloq tniggiż żejjed tal-arja, jnaqqas il produttivita` tal-pajjiż, jżid l-istress fost in-nies u jikkawża numru ta’ incidenti fit-toroq tagħna. Iżjed ma’ jgħaddi iż-żmien, iżjed ma’ tikber din il problema; iċ-ċifri tal-NSO li ħargu f’Ġunju juru li hawn karozza f ‘Malta għal kull adult. Għalhekk nemmnu li huwa fl-interess tal-gvern li jagħmel minn kollox biex jsolvi din il-problema. Fost il-miżuri li għandhom jittieħdu, hemm dawk li huma immirati sabiex jjittaffu in-numri ta karozzi fit-toroq Maltin fl-iżjed siegħat traffikużi. Bl-istess mod li dan il gvern wiegħed it-trasport b’xejn għal l- iskejjel kollha, aħna nemmnu li kull entita` pubblika għandha toffri lil ħaddiema taghha trasport qabel u wara kull shift. Għandu jsir ftehim ma’ kumpaniji tal “mini vans” jew coaches biex jipprovdu dat-trasport. Din il-proposta b’hekk tista’ tneħħi għexieren ta’ karozzi mit-toroq. Nafu li diġa` f’ċerti każijiet imma trid tiġi nkorraġitha aktar.

https://www.timesofmalta.com/articles/view/20170508/local/labour-makes-promises-in-transport-education-health-environment-and.647398

http://www.independent.com.mt/articles/2017-08-01/local-news/Wonder-why-there-s-traffic-There-s-one-car-per-adult-on-the-road-6736177307

## 19 Nemmnu li Wied Incita ġewwa H’ Attard għandu jiġi restawrat u preservat sabiex jinbidel ġo Ecological Park.

# Proposti fuq is-Saħħa.

20 Id-Dipartiment għall-kura tal-Anzjani għandu jaħdem sabiex ikun ċert u kkonfermat li l-faċilitajiet għall-kura ud-djar tal-anzjani ikunu preparati biex jipproteġu lir-residenti mit-temperaturi għoljin kkawżati mit-tibdil fil-klima. Ukoll, jekk hemm bżonn, isiru livelli standardizzati li legalment ikunu jridu jintlaħqu permezz ta' metodi bħall-moniteraġġ kontinwu tat-temperatura interna.

21 Il-Ministeru tas-Saħħa għandu jkompli jistudja u janalizza l-metodi bżonnjużi biex ikompli jissaħħaħ il-proċess ta' moniteraġġ tal-mard infettiv ut-trasmetturi tiegħu; biex ikun magħruf f'liem riskju hu l-pajjiż, biex jiġu identifikati kull mezz ta' trasmissjoni, biex jitnaqqas il-possibbiltà ta' trasmissjoni, u kif ukoll biex jiġi assigurat li f'każ ta' kriżi nazzjonali, ikun hemm pjan bil-lest sabiex jinżamm il-kontroll.

22 Bħala tkomplija mal-proposta ta' qabel, il-Ministeru tas-Saħħa għandu jaħdem mal-esperti entomoloġiċi lokali sabiex tinżamm l-informazzjoni bżonnjuża fuq il-metodi ta' trasmissjoni possibbli ud-distrubuzzjoni tagħhom.

23 Il-Ministeru tas-Saħħa għandu jkun ċert li jinżammu operati mezzi ta' twissija, partikularment għat-temperaturi għoljin ul-għargħar, u li jkunu mantenuti fi stat ottimu. Informazzjoni relatata mas-sintomi ta' mard ikkaġunat mis-sħana eċċessiva għandha tkun imqassma u aċċessibbli għall-poplu.

24 Għall-futur, rakkomandazzjonijiet għandhom isiru fil-liġijiet tal-ippjanar għal kif titnaqqas l-isħana interna. "Green Roofs" u ammont ġenerali ikbar ta' ħxejjex jista' jgħin biex tonqos it-temperatura ta' binja. Dawn jgħinu biex jipproteġu u jassiguraw is-saħħa tal-poplu.

# Proposti fuq l-Enerġija

25 Bozoz tat-triq u tal-ġonna pubbliċi għandhom jinbidlu f'dawk ta' LED li jġibu l-enerġija tagħhom minn panelli solari.

20% tal-elektriku tad-dinja jintuza għal-produzjoni tad-dawl. B'hekk b'dawn il-bozoz tat-toroq ġodda ħa nkunu qegħdin innaqsu l-użu tal-enerġija b'madwar 90%. Dawn id-dwal huma ferm iktar effiċjenti mill-bozoz preżenti fil-maġġoranza tal-postijiet, għax ma jirrikjedux daqstant manutenzjoni għolja. Biex insolvu il-problema ta' wħud, li sabu b'dawn il-bozoz wisq qawwijin nissuġerixxu li ninvestu f'bozoz li juru iktar dawl artab.

https://www.timesofmalta.com/articles/view/20151203/local/petition-calls-for-replacement-of-white-led-street-lights.594426

26 Kull vettura tal-gvern għandha tinqeleb għal vettura li taħdem bl-eletriku.

Il-gvern diġa implimenta xi miżuri biex jitnaqqsu il-karozzi antiki ħalli jinqelbu għal dawk tal-elektriku. Mogħod tajjeb ta' kif għandu jwassal il-messaġġ li vera jfisser dak li qed jgħid huwa biex jgħati eżempju. B'hekk aħna nemmnu li l-bidla fis-sistema biex Malta tiġi iktar ecofriendly għanda tibda mill-gvern stess.

http://www.transport.gov.mt/land-transport/electric-cars
http://www.transport.gov.mt/land-transport/grant-scheme-on-the-purchase-of-electric-vehicles

27 Minn tal-inqas f'kull raħal u postijiet industrijali għandhom jiġu installati tlett 'charging stations' tal-eletriku.

27.1 Għandu jitraħħas il-prezz taċ- 'charging stations'.

L-ikbar żvantaġġ li qed jaffaċċjaw il-Maltin biex jixtru karozzi tal-elektriku huwa in-nuqqas ta' 'charging staions' disponibli. Dan l-iżvantaġġ allurra għandu jitnaqqas kemm jista' jkun ħalli jiżdiedu in-numru ta' karozzi tal-elektriku. Ħaġa oħra li qed taħqar lil dawk kollha li investew f'karozza tal-elektriku hija il-prezz għoli taċ-'charging stations' fejn wieħed ikun jaqbillu iktar juża l-elektriku tad-dar. Dan għalhekk mandiex tkun problema ħalli l-użu ta' dawn il-karozzi issir iktar popolari.

http://www.electricvehiclesmalta.eu/overview/detail/electric_vehicles_purchase_scheme
http://www.maltatoday.com.mt/environment/energy/75062/driving_electric_its_cheaper_to_charge_your_car_from_home#.WaW0f3YjG70

28 Kull fabrika, bini tal-gvern u bini tan-negozju għandhom ikollhom l-ikbar ammont ta' panelli solari possibli b'sussidji mill-gvern.

Il-mira ta' Malta hija li sal-2020 ikollna 10% tal-enerġija kollha tagħna ġejja minn enerġija li tiġġedded. Dan huwa diġa nofs il percentaġġ tal qbija tal-ewropa. Għalhekk b'miżuri bħal dawn nistgħu nersqu iktar viċin din il-mira. Peress li Malta għandha abbundanza kbira ta' xemx aħna b'tal-fehma li din l-enerġija kollha ma tinħeliex.

https://www.timesofmalta.com/articles/view/20160212/local/malta-still-doing-poorly-on-renewable-energy.602096 http://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php/Renewable_energy_statistics

29 Sussidju għall-'insulating materials' għad-djar.

Malta qed nbagħtu b'ħafna sħana, din is-sħana iżżid ferm l-użu tal-eletriku. Ftit huma n-nies li fl-eqqel tas-sajf ma jixgħelux fan jew l-'airconditioner'. B'hekk l-użu ta' dawn il-materjali ħa jnaqqsu immens l-ammont tal-eletriku li jintuża biex jinbiddel it-temperatura tad-djar kemm fix-xitwa kif ukoll fis-sajf. Dawn il-materjali jaħdmu billi iżżommu il-frisk fis-sajf u s-sħana fix-xitwa.

https://www.timesofmalta.com/articles/view/20150618/business-news/Thermal-insulation-is-it-worth-it-in-Malta.573066

30 Tnaqqis mit-taxxi fuq apparat ġdid u effiċjenti tad-djar u tal-fabbriki.

L-ikbar ammont tal-enerġija li nużaw hija biex inħadmu l-apparat ġewwa darna. Apparat antiki bħal fridges jużaw ferm iktar enerġija minn dawk ġodda. Allura biex il-Maltin jiġu mħeġġin biex jixtru apparat ġdid li ħa jnaqqas il-konsum tal-eletriku jista' jitnaqqsu l-ammont ta' taxxi fuq apparati li huma biss effiċjenti.

http://homeguides.sfgate.com/can-refrigerator-going-bad-use-electricity-77905.html

31 Għajnuna finanzjarja għar-ricerka u li l-iżvilupp ta' sorsi ta' enerġija nadifa u ġdida f'Malta, l-iktar dawk solari u tal-mewġ.

L-użu ta' karozzi solari isir aktar popolari grazzi għal din ir-riċerka.

http://mra.org.mt/wp-content/uploads/2012/08/1.2.Energy-Policy.pdf

## 32 A Greener Malta

Meta wieħed iħares lejn il-gżira tagħna huwa faċilment notevoli li dak il-pajjiż tagħna m'għandux il-preżenza ta 'żona tal-foresta kbira. Fil-fatt, fl-2011, Malta Independent irrapporta li 0.5% biss taż-żona ta 'Malta kienet koperta minn siġar. L-artiklu jsemmi wkoll li mill-2005 sa meta ġie ppubblikat l-artikolu, 100,000 siġra ġew imħawla f'Malta permezz tat-tnedija tal-Kampanja 34U. Minkejja l-fatt li l-klima niexfa ta 'pajjiżna tinibixxi l-preżenza ta' erja tal-foresta estensivament kbira li hija wkoll relatata mad-daqs żgħir ta 'Malta, huwa maħsub li l-kopertura forestali ta' Malta kienet ferm akbar qabel. Fost problemi oħra, in-nuqqas ta 'ħdura fil-gżejjer Maltin ifisser li aħna nieqsa mid-difiżi naturali kontra l-bidla fil-klima. Barra minn hekk, minkejja l-isforzi permezz tal-kampanja 34U, l-esperti nnutaw, minkejja l-iskema 34U, li "Malta naqset milli tikkoordina sforzi ta 'afforestazzjoni jew timplimenta proġetti ta' restawr ekoloġiku fuq skala kbira". Madanakollu, il-Gvern Laburista, matul l-aħħar u l-leġiżlatura preżenti wera interess fil-proġetti ta 'afforestazzjoni. Matul l-aħħar kampanja elettorali l-parti wiegħdet li kienet "timpenja ruħha li tħawwel siġra għal kull tarbija mwielda". Barra minn hekk, l-ambjent tal-Ministru Jose Herrera f'Lulju li għadu huwa ppjanat li jitwettaq proġett ta 'afforestazzjoni f'Kemmuna.

http://www.independent.com.mt/articles/2011-06-17/news/just-05-of-maltas-land-area-covered-by-trees-294241/

https://www.timesofmalta.com/articles/view/20160823/local/maltas-afforestation-efforts-missed-the-wood-for-the-trees-experts-say.622864

## 33 Proġetti ta’ afforestazzjoni

Bħala parti mill-bidla fil-klima nappoġġaw u nħeġġu lill-gvern biex jibdel l-ideat tiegħu għal pajjiżna f'realtà.

Nipproponu wkoll:

- Li apparti minn Kemmuna, żewġ żoni oħra għandhom jiġu identifikati għal afforestazzjoni. Waħda f’Għawdex u oħra fir-reġjun tan-Nofsinhar ta’ Malta.

- Qabel ma jseħħu l-proġetti, għandha tingħata spinta ġdida lill-kampanja 34U sabiex tiġi massimizzata l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini.

- Barra minn hekk, "ġonna tal-komunità" għandhom jiġu stabbiliti f'ċerti lokalitajiet qabel ma jinbdew il-proġetti ta 'afforestazzjoni. Dawn il-"ġonna tal-komunità" se jaqgħu taħt is-superviżjoni tal-kunsilli lokali bl-

għajnuna ta 'NGOs ambjentali bl-għajnuna tal-pubbliku, u se jkomplu jintużaw wara li l-proġetti jsiru għall-benefiċċju tal-lokalitajiet.

- Wara li jitlestew il-proġetti ta 'afforestazzjoni, għandha tiġi ffurmata organizzazzjoni, ibbażata fuq l-inizjattiva volontarja tal-pubbliku, inkarigata mill-ġestjoni taż-żoni afforestati.

- Fil-ġejjieni, meta jkunu mmaturaw iż-żoni forestali, għandhom jiġu stabbiliti faċilitajiet biex jakkomodaw lill-Maltin u lit-turisti li jżuru ż-żoni. Sabiex iż-żoni forestali jkunu aktar attraenti għan-nies.

## 34 Żona Urbana Ekoloġika

Minħabba d-daqs żgħir u d-densità tal-popolazzjoni ta 'Malta, il-parti tal-bidla fil-klima tirrikonoxxi l-problema li tkun ta' ras għall-awtoritajiet biex jidentifikaw qasam ieħor għall-afforestazzjoni, aħseb u għal tnejn oħra. Barra minn hekk, il-gżira għandha r-riskju li tirrinunzja għall-art li tista 'tuża t-tkabbir ekonomiku għall-afforestazzjoni u għalhekk tkun imprudenti u kontroproduttiva biex tmexxi proġetti ta' afforestazzjoni billi tinjora kompletament il-bżonnijiet għal żmien qasir tal-poplu Malti. Għalhekk, il-pajjiż m'għandux iżid ukoll l-ammont ta 'pjanti fiż-żona rurali, iżda wkoll fiż-żona urbana. Bil-blokki ta 'appartamenti u netwerks tat-toroq qegħdin fiċ-ċentru ta' dan.

- Il-partit elett fil-gvern waqt il-kampanja elettorali wiegħed li fis-7 snin li ġejjin, it-toroq kollha ta 'Malta jerġgħu jinbnew. Peress li ħafna jenfasizzaw se jintwerew fuq in-netwerk tat-toroq tagħna fis-snin li ġejjin aħna nipproponu li aktar tħejjijiet għandhom jitħawlu fuq bankini filwaqt li l-gvern qed jerġa 'jifforma t-toroq.

- Il-gvern għandu jikkunsidra li jifformula skema li tipprovdi fondi biex tinkoraġġixxi lill-individwi biex jistabbilixxu soqfa ħodor

- * il-bqija tal-proposta se tkompli tiġi spjegata fit-tielet suġġett *

Riżultati intenzjonati

• Il-valur estetiku taż-żona Urbana ta’ Malta se jiżdied

• Oħloq komunità aktar b'saħħitha

• Agħmel l-arja aktar nadifa

• Agħmel iż-żona urbana aktar abitabbli għal organiżmi ħajjin

• Li ż-żieda tal-valur estetiku u ż-żieda fiż-żona tal-foresti tagħmel il-pajjiż tagħna aktar pjaċevoli għat-turisti biex b'hekk tiżdied il-kompetittività tar-Repubblika fis-suq tat-turiżmu

• Popolazzjoni b'saħħitha, inqas pressjoni fuq is-sistema tal-kura tas-saħħa tagħna

https://www.theatlantic.com/health/archive/2014/07/trees-good/375129/

## 35 Żieda fil-kapaċità ta 'enerġija rinnovabbli ta' Malta

F'termini ta 'enerġija li tiġġedded, il-pajjiż tagħna huwa mbierek bl-ogħla intensità solari fl-UE, ir-riħ u l-baħar. Għalkemm is-sehem rinnovabbli tal-pajjiż żdied matul is-snin għal 4.7%. In-NREAP, ippubblikat fl-2015, iddikjara li Malta ma setgħetx tilħaq il-miri tagħha għall-enerġija rinnovabbli tal-2020 previsti mill-pjan ta 'azzjoni preċedenti. Li ma toqgħod l-ebda sorpriża minħabba li l-enerġija mewġa kienet insejt mill-pajjiż minkejja li t-testijiet kienu qed isiru fl-2011 u l-2012. Barra minn hekk, it-tliet proġetti tar-riħ ippjanati għall- "pajjiż kellhom tħassib sinifikanti ambjentali, soċjali u tekniku" li wassal għall- jiġu mkeċċija. Kien biss l-enerġija solari li żdiedet sena u sena mill-2012. Madankollu, minkejja li Malta għandha teknoloġija potenzjali enormi, l-art hija intensiva riżorsi li Malta m'għandhiex. Dan il-prospett, flimkien mad-densità għolja tal-popolazzjoni tan-nazzjon, wassal ukoll għal "Bidliet fil-mudelli ta 'akkomodazzjoni (pereżempju jimxu lejn residenzi multipli minflok akkomodazzjoni singola, milli orizzontalment, li jirrifletti l-iskarsezza tal-art) jimplika li qed isir diffiċli għal ħafna djar individwali li jinvestu fit-tagħmir tar-'Renewable Energy System' tagħhom stess ". Barra minn hekk, in-NREAP qalet ukoll li flimkien mal-problema tad-disponibbiltà tal-art l-individwi Maltin m'għandhomx aċċess għad-drittijiet tax-xemx, kif espress f'rapporti mill-Uffiċċju għal Regolamentazzjoni tal-Bini li se tkun responsabbiltà jekk Malta jkollha l-ħsieb li tiffoka fl-enerġija solari. In-nuqqas ta 'leġiżlazzjoni dwar id-drittijiet tax-xemx se jwassal biss għal sitwazzjoni saħansitra aktar diffiċli filwaqt li Malta għadha tesperjenza żieda qawwija fil-bini permezz tal-iżvilupp ta' appartamenti. Kontroversja waħda diskussa fuq il-midja soċjali inkludiet blokk ta 'appartamenti li għadu kif ġie żviluppat li jkopri djar bi pannelli solari (ara l-immaġni)

http://meae.gov.mt/en/public_consultations/opm/documents/pr%20162438a.pdf

http://www.maltatoday.com.mt/environment/energy/79896/time_for_solar_rights__edward_mario_camilleri#.WZ890ygjHIU

https://www.timesofmalta.com/articles/view/20161229/local/invest-in-solar-panels-and-you-may-get-a-shady-investment.635139

## 36 Id-drittijiet solari

Bl-enerġija solari li qed tiżdied fil-kapaċità sas-sena u mal-Pajjiż imġiegħel mill-għanijiet tal-Ftehim ta 'Pariġi u tal-UE 2020, wasal iż-żmien li l-gvern jieħu pożizzjoni meta jipproponi leġiżlazzjoni biex jipprovdi drittijiet solari għall-individwi. Dan mhux biss jipproteġi l-investimenti magħmula mill-familji fuq l-enerġija mix-xemx u jħeġġeġ lin-nies l-oħra għall-istess, iżda wkoll ifixkel l-iżvilupp ta 'kontroll li jseħħ fil-kontinent li qed jibda jħabbat il-pubbliku.

## 37 Investiment fl-Riċerka u Żvilupp

In- National Renewable Energy Action Plan (NREAP) isemmi li l-Università ta 'Malta ħadet b'suċċess, fondi li jippermettu lill-università tinvesti fl-enerġija solari. Madankollu, ahna nhossu li peress li l-pajjiż għaddej minn perjodu ta 'suċċess ekonomiku u l-gvern kiseb riżultati finanzjarji sodi, L-amministrazzjoni għandha timpenja ruħha li tuża l-flus tagħha stess biex tiffinanzja r-ricerka u z-zvilupp f'dan il qasam, flok tiddependi biss fuq il-fondi tal-Unjoni Ewropea. Dan għandu jkun prijorità ewlenija għall-gvern mogħti peress li wiegħed li Malta ssir l-ewwel ekonomija dekarbonizzata fil-Mediterran sal-2030.

## 38 Il-ħolqien ta 'Fossil Fuel Consumption Charge."

Fil-proposta tagħna "Investiment f'R & D" ir-riżoluzzjoni tagħna qalet li peress li l-amministrazzjoni tagħna tinsab f'sitwazzjoni finanzjarja qawwija huwa essenzjali li l-gvern joħloq il-fondi proprji tiegħu għal enerġija rinnovabbli u mhux biss juża fondi tal-UE. Dan naturalment se jżid aktar pressjoni finanzjarja fil-gvern peress li għandu kwistjonijiet oħra li jeħtieġu attenzjoni finanzjarja. Minkejja dan, aħna nemmnu li sabiex l-enerġija rinnovabbli tkun aktar effiċjenti permezz tar-riċerka u l-iżvilupp u l-ispiża tkun aċċessibbli permezz ta 'skemi tal-gvern li bħalissa jiddependu kollha mill-fondi tal-UE. Aħna nemmnu li għandha tiġi introdotta taxxa fuq l-enerġija. Sabiex il-konsum tal-enerġija ma jkunx ogħla għall-konsumaturi, it-tariffi tal-enerġija għandhom jitnaqqsu għal rata li l-gvern jidhirlu l-aħjar. Imbagħad, il-konsumaturi għandhom jiġu ntaxxati għar-rata tal-enerġija tal-fjuwil fossili li jikkonsmaw, iżda t-taxxa m'għandhiex twassal għal konsum tal-enerġija ogħla qabel it-tnaqqis fit-tariffi tal-enerġija. Il-fondi miġbura għandhom jintużaw biex jinvestu fl-iskemi ta 'R & D u enerġija solari.

## 39 Il-Futur tat-trasport privat ta 'Malta

Il-karozzi elettriċi

Filwaqt li jkun diffiċli għall-Maltin li jużaw il-karozzi tagħhom inqas, liema hija l-aħjar għażla, nistgħu tal-anqas naħdmu biex il-karozzi elettriċi jsiru l-ewwel għażla għax-xerrejja Maltin fis-suq. Filwaqt li l-gvern għandu skema ta' skrappjar u sussidji għall-karozzi elettriċi.

Aħna nemmnu li:

- Il-gvern għandu jinvesti f'boots tal-iċċarġjar tal-elettriku aktar

- Għandha tintgħażel data speċifika li tipprojbixxi l-bejgħ u r-reġistrazzjoni ta 'karozzi ġodda tad-diżil u tal-petrol.

- Il-gvern Malti għandu jaħdem ma 'l-Istati Membri ta' l-UE u l-istituzzjonijiet ta 'l-UE biex imexxu' l quddiem l-iżvilupp ulterjuri tal-karozzi elettriċi biex jiżguraw li l-prezz tas-suq tat-trasport privat u jikkawżaw xokk tas-suq li huma ta 'żvantaġġ għall-konsumaturi Ewropej.

- Il-gvern għandu wkoll iwettaq riċerka dwar l-effetti possibbli fuq is-sistema tat-trasport ta 'Malta u l-ħtiġijiet ta' individwi privati meta l-karozzi elettriċi jsiru forza dominanti fis-suq, sabiex ikun hemm indikazzjoni x'għandu jsir.

http://www.independent.com.mt/articles/2015-05-03/blogs-opinions/The-costs-of-air-pollution-6736134821

---

Membri fil-Kumitat: Martina Grech bħala koordinatriċi, Thomas Cassar Ruggier bħala viċi koordinatur, Gabriel Lia bħala qarrej tal-provi, Nicholas Camilleri, Steven Bajada, Nigel Caruana, Sarah Spiteri u Sean Lia.